Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAS- TMIEN LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 10 ta' Ottubru 2015

**Ħin:** Mill-5.00pm sat-7.59pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

Il-Kunsillier Daniel Muscat informa lis-SE li huwa ma setax jattendi din il-laqgħa minħabba li nqalalhom avveniment familjari ta' bla ħsieb.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li dan jiġi jidher bħala assenti għal din il-laqgħa għax mhix skuza valida. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-kumplament tal-kunsill u ġie skuzat.

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-sitt laqgħa ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 kif ukoll il-minuti tas-sitt laqgħa aġġornata li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li f'item nru 3, raba' paragrafu jiżdiedu l-kliem "*kif ukoll il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara fissru l-prekawzjoni tagħhom*". Il-Kunsill approva din l-emenda. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-SE infurma lill-Kunsill li l-Ubars li kellhom jitwaħħlu fi Triq Il-Kbira kantuniera ma' Triq San Frangisk għadhom ma twaħħlux għar-raġuni li għadu ma ġiex indikat mill-Kunsill fejn dawn ser jitwaħħlu eżatt.

Is- SE infurma lill-kunsill li ż-żbir tas-siġar fil-lokalita' ser isir wara li jitlestew ix-xogħolijiet fuq il-bankina fi Triq Idmejda.

Is-SE infurma lill-Kunsill li l-qtugħ tal-arbuxelli li jinsabu fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma De Paule Avenue ser isiru nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru 2015.

## 3. Rapport Finanzjarju minn Lulju sa Settembru 2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2015 (mehmuż). Preżenti kien hawn l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2015 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur A. Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 4. Komunikazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera

### Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku kellu laqgħa mas-surmast tal-iskola ta' Stella Maris fejn ġie mitlub li bejn is-1pm u s-2pm Triq San Frangisk tingħalaq il-parti ta'quddiem l-iskola biex jiġi evitat xi disgrazzja minħabba l-ġenn tat-traffiku li jkun hemm dak il-ħin meta jinġabru l-istudenti mill-iskola. Huma min naħa tagħhom qed isiru taħdidiet mal-ġenituri biex isir xi tip ta' pooling tal-karozzi. Il-Kunsill aċċetta li ssir talba ma' Transport Malta biex naraw huwiex vijabbli li ssir.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni ta' twaħħil ta' diffusers ma' tlett lanterni mill-ġodda bħala pilot project għal xahar fi Triq Guze Bonnici. Il-Kunsill aċċetta li jitwaħħlu bi prova u tittieħed deċizjoni wara dak iż-żmien.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kumitat kongunt tar-reġjun ser jiġi xolt u l-bilanċ dovut fuq ċitazzjonijiet li ngħataw qabel Settembru tal-2011, il-kumpanija privata Datatrak li kienet tamministra dawn il-ħlasijiet issa ser jidħlu direttament fil-kont kurrenti tal-bank tal- Kunsill u jiġi mpost fuqu commission charges mill-kumpanija. Huwa ppreżenta ftehim biex jiġi ffirmat mad-Datatrak. Il-Kunsill ma għandux alternattiva oħra ħlief li jiffirma dan il-ftehim.

Saritlu talba minn xi residenti ta' Triq il-Paguni biex Triq Karenza, Triq il-Paguni u Triq il-Kannizzzata jiġu one way.

Il-Viċi Sindku Andre' Grech fuq dan is-suġġett ta' *one ways* informa lill-Kunsill li qed issir sistema *ta' traffic management* fejn waslet fil-fażi finali tagħha. Hekk kif titlesta, din tiġi ppreżentata lill-Kunsill u wara jsiru l-konsultazzjonijiet meħtieġa mar-residenti.

Is-Sindku rċieva ilment minn xi residenti ta' Triq il-Wied fejn quddiem Caro Motors, is-sid tal-garaxx qed jipparkja il-karozzi għall-bejgħ fit-triq. Huma qed jitolbu li jsir residential parking f'dik il-parti.

Is-SE infurma li Transport Malta bħalissa għaddejjin bil-konsultazzjonijiet fir-rigward tar-residential parking u li għalissa mhux ser jinħareġ ebda permess għal dan it-tip ta' parking qabel ma jitlestew dawn il-konsultazzjonijiet.

Is-Sindku talab li s-siġra li tinsab fil-bidu ta' Triq il-Kannizzata min naħa ta' isfel titneħħa. Is-Sur Galea ser ikellem lil ta' l-ELC biex din titneħħa.

**<u>Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

Huwa staqsa x’ser jiġri fuq il-garaxx tal-kunsill wara li kemm il-darba ġibed l-attenzjoni li meta jinkera garaxx, il-Kunsill għandu jiġi nfurmat. Issa fid-dawl tal-fatt li l-garaxx li huwa mikri bħalissa mhux tajjeb biex jaqdi l-funzjonijiet tal-Kunsill, għalfejn inkera.

Il-Kunsillier Joe Galea qal peress li ma kienx hemm alternattiva fejn inpoġġu t-tagħmir tal-għodda u meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni li għal tlett xhur, tħallset s-somma ta’ € 210, li f’lokalita’ bħal Ħal Balzan, il-kirjiet ta’ garaxx huma ferm għoljin, temporanjament dan il-garaxx kien qed jaqdi l-funzjonjiet tiegħu.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara tkellem fuq is-sitwazzjoni tal-bankina ġdida fi Triq Idmejda għax waslulu lmenti li qed tiehu wisq fit-tul, kważi xahrejn.

Il-Kunsilllier Joe Galea qal li din ser titlesta l-ġimgħa d-dieħla u ta’ min ifakkar li din il-bankina qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill fejn ffrankajna ‘l fuq minn € 7500 u ta’ dan għandna nkunu grati lejn dawn il-ħaddiema.

Is-Sur Zammit Marmara talab li għandu jinħatar sotto-kumitat biex isegwu l-applikazzjonijet tal-MEPA li jkunu ġew sottomessi għal-lokalita’ ta’ Ħal Balzan.

Is-Sindku qal li mill-esperjenza li għandu fuq dan is-suġġett, il-Kunsill biex jagħmel dan irid ikollu jaħtar avukat kif ukoll perit biex jagħmlu dan ix-xogħol u dan isarraf fi spiża eżorbitanti għall-kunsill.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien qed jissuġġerixxi li jinstabu xi voluntiera li jagħmlu dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li jkollu fondi allokati għall-edukazzjoni. Is-SE infurmah li għal bagit 2016 għandha ssir talba għalihom peress li dan il-Kunsill ġie ffurmat fit-tieni kwart tas-sena u ma kienx hemm flus allokati għal din is-sena.

Is-Sur Zammit Marmara talab li quddiem dar 244, Triq il-Ferrovija l-Qadima li sar refurbishment tagħha hemm kaxxa safra fejn kien jeżisti garaxx li llum jidher bħala entrata normali u din il-kaxxa għandha titneħħa. Is-SE ser jikteb lis-Supretendent tal-Għassa ta’ B’Kara biex jagħmel il-verifiki neċessarji.

Saret talba minn xi residenti biex Triq Guze Bonnici tiġi *one-way* fil-ħin tar-*rush hour* jew jiġu installati xi *cameras* peress li qed jintlaqtu l-karozzi li jkunu pparkjati hemmhekk.

Il-Viċi-Sindku infurmah li ser jieħu in konsiderazzjoni din it-talba meta jiġi diskuss il-pjan tat-traffic management.

Il-Kunsillier Joe Galea fakkar li din it-tip ta’ talba kienet saret xi snin ilu pero’ kien hemm ħafna residenti ta’ dawk l-inħawi li oġġezzjonaw bil-qawwa għal din it-tip ta’ one way.

Saret talba mis-Sur Borg li joqgħod fi 24, Triq it-Tlett Knejjes biex titranġa l-parti tat-triq quddiemu. Il-Kunsillier Joe Galea flimkien mal-*handyman* ser jara x’jista’ jsir.

**<u>Il-Kunsillier Joe Galea</u>**

Huwa poġġa fuq il-mejda kwotazzjoni għal tqegħid ta’ qsari kbar madwar il-lokalita’. Il-Kunsill talab li jkollu f’idejħ aktar kwotazzjonijiet peress li din hija pjuttost għolja.

Is-Sur Galea poġġa fuq il-medja kwotazzjoni għal tibdil tal-vitijiet u xi flushings fil-latrina pubblika. Din ser tiswa’ s-somma ta’ € 590. Il-Kunsill approva.

**Il-Viċi Sindku Andre’ Grech**

Is-Sur Grech qal li saritlu talba minn resident li joqgħod fi Triq Birbal fuq manhole li qed tiċċaqlaq. Is-SE infurmah li rapport diġa’ sar ma’ Transport Malta biex titranġa.

Saret talba biex il-ġbir ta’ skart jinġabar dejjem mill-ħwienet kummerċjali. Is-SE infurmah li stabbilimenti kummerċjali għandhom jagħmlu l-arranġamenti huma ma’ kuntrattur privat biex dan jinġabar u dan skont il-liġi pero’ l-Kunsill kien talab lill-kuntrattur li fejn jista’, jiġbor tal-istabbilimenti wkoll imma mhux fl-obbligu li jagħmel dan.

Il-Viċi Sindku talab li fi Triq it- Tabib J. Zammit jiġu ċċekjati l-1m double yellow lines li jinsabu mal-ġenb tal-garaxxijiet peress li daħallu lment li wħud minn dawn il-garaxxijiet għandhom tul ta’ iżjed minn 1m. Is-SE ser jiċċekkja u jara li jsiru skont il-liġi.

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 5191:** MEMO 27/2015- Kjarifiki dwar MEMO 21/15 rigward l-immaniġġjar tal-iskart elettriku miġbura mill- Kunsilli Lokali.

**Ittra Nru 5236**: Talba mill-Hospice Malta biex il-Kunsill iħallas l-ispiza ta’ sagħtejn warden għal attivita’ b’risq il-Palliative Care Services. Il-Kunsill approva.

**Ittra Nru 5238**: Ittra mingħand it-Tribunal tal-MEPA fuq PA 0279/149 - *Kostuzzjoni ta’ bankina fonda 2.2m quddiem il-fond Palazzo Bosio fi Triq Mons FX Zahra*. It-Tribunal ċaħad l-appell li sar mill-Kunsill u jikkonferma l-permess PA 279/14.

**Ittra Nru 5241**: Ittra mingħand il-voluntiera ta’ Triq l-Għerusija fejn qed jitolbu li l-konsum tad-dawl għal tiżjin tal-Milied li jsir f’dik it-triq jitħallas mill-kunsill. Din l-attivita’ sejra ssir b’kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-talba.

**Ittra Nru 5245**: Talba mill-Kulleġġ Santa Theresa biex il-Kunsill iħallas l-ispiza ta’ sagħtejn warden għal attivita’ b’risq il-karita’. Il-Kunsill approva.

**Ittra Nru 5246**: Talba mingħand il-Klabb tal-Banda San Gabriel biex il-Kunsill b’kollaborazzjoni miegħu jħallas parti mill-ispejjez ta’ kunċert muzikali li l-banda ser ittellgħa fit-Teatru Manoel nhar il-Ħadd, 13 ta’ Diċembru 2015. Il-Kunsill aċċetta li jħallas s-somma ta’ € 100 għal din l-attivita’.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 6. Approvazzjoni ta’ ħlasijiet u ħlasijiet ta’ Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tal-15 ta’ Ottubru 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 27,469.13

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**7. Tqegħid ta' dokumenti u rapporti**

Ma kienx hemm dokumenti x'jitpoġġew fuq il-mejda.
.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l- Erbgħa 4 ta' Novembru 2015 fil-5pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data